V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10378 – VUB / SLOVENSKA SPORITELNA / TATRA BANKA / 365.BANK / CSOB / JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 134/08)

1. Fis-17 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Všeobecná úverová banka, a.s. ("VUB", Slovakia), ikkontrollat minn Intesa Sanpaolo S.p.A. (l-Italja),

— Slovenská sporitecňa, a.s. ("Slovenska Sporitelna", is-Slovakkja), ikkontrollat minn Erste Group Bank AG (l-Awstrija),

— Tatra banka, a.s. ("Tatra Banka", is-Slovakkja), ikkontrollat minn Raiffeisen Bank International AG (l-Awstrija),

— 365.Bank, a.s. ("365.Bank", is-Slovakkja; qabel it-3 ta' Lulju 2021 irreġistrat bħala Poštová banka, a.s.), ikkontrollat minn J&T FINANCE GROUP SE (iċ-Ċekja),

— Československá obchodná banka, a.s. ("CSOB", is-Slovakkja), ikkontrollat minn KBC Group N.V. (il-Belġju).

VUB, Slovenska Sporitelna, Tatra Banka, 365.bank u CSO jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' impriża bi sħab maħluqa ġdida (joint venture, il-"JV").

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— VUB, Slovenska Sporitelna, Tatra Banka, 365.bank u CSOB huma banek kummerċjali fis-Slovakkja attivi fis-servizzi bankarji u korporattivi,

— Il-JV se tipprovdi servizzi ta' mmaniġġar ta' flus kontanti, ta' flus kontanti fi tranżitu u ta' ġestjoni ta' flus kontanti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10378 – VUB / SLOVENSKA SPORITELNA / TATRA BANKA / 365.BANK / CSOB / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË